MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 10 ta' Mejju 2019**

**Kumpilazzjoni numru 284/19 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Spettur Lydon Zammit)**

**Vs**

***Omissis***
**AB**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Omissis u AB** talli nhar il-22 ta' April 2019, għall-ħabta tal-21.30hrs fi Triq San Tumas ġewwa Hal Tarxien:

1. Ikkommettew serq ta' flus u mobile phone ghad-dannu ta' CD, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-valur u bil-hin: *Art 261(a)(c)(f), 262(1)(b) ,267, 270, 275, 277(a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.*

2. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi bla ordni skont il-ligi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li tarresta lill-hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil CD ta' 16 il-sena kontra l-volontà tiegħu; *Artikoli 86, 87(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Omissis wahdu akkuzat talli:

3. Fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija skont *Artikoli 51(7); 55(a) tal-Kap 480 tal-ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' ħtija tikkundanna lill-akkuzat għall-ħlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Rat li l-imputat **AB** ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-pozizzjoni tieghu wara li spjegatlu l-pieni marbuta mar-reati in dizamina;

Rat illi l-Prosekuzzjoni talbet is-separazzjoni tal-gudizzju, liema talba giet milqugha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u ghaldaqstant, wara li hadet in konsiderazzjoni l-atti, tqis li dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi ai fini ta' piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni illi l-imputat irregistra ammissjoni mal-ewwel opportunità li kellu, li ghandu fedina penali netta u wkoll illi huwa minuri u ghalhekk il-piena li ghandha tigi nflitta ghandha titnaqqas bi grad jew tnejn.

Illi l-Qorti qieset ukoll illi l-imputat qieghed taht *care order* u qieghed jigi segwit minn assistenti socjali addetti mal-Aġenzija tal-Welfare tal-Persuni li Jfittxu Ażil.

Illi l-Qorti hija tal-opinjoni illi fic-cirkostanzi huwa ferm indikat illi l-imputat jitpogga taht Ordni ta' Probation sabiex jigi segwit minn Ufficjal tal-Probation stante li ghad ghandu futur quddiemu u jista' bl-ghajnuna tal-istess Ufficjal jitbieghed minn hajja ta' kriminalità.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 86, 87, 261, 262, 267, 270, 275 u 277 tal-Kodici Kriminali qieghda tiddikjara lill-imputat **AB** hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tal-Ordni ta' Probation tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal tal-probation li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat.

In vista li l-Qorti giet infurmata mill-Prosekuzzjoni li ma nfethet l-ebda inkjesta, mhux qed tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni fir-rigward tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur